MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2009

Numru. 922/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**KONTRA**

**NAZZARENO SEGUNA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Nazzareno Seguna ta' 56 sena, bin Joseph u Marija Grezzja nee' Borg, mwieled Zebbug nhar l- 4 ta' Frar 1953, residenti fil- fond 86, Gesu Redentur, Triq Santa Marija, Zebbug u detentur tal- Karta tal- Identita' bin-numru 183453(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f'dawn il- Gzejjer nhar il- 5 ta' Settembru 2009, ghal habta ta' 14.00hrs, gewwa Triq il- Mediterran, Pembroke u/ jew fil- vicinanzi;

1) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra Alfred Mazzitelli li huwa Vici- Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Pembroke, persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal- Ligi jew ta' ordni moghti skodn il- Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2) ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il- persuna ta' Alfred Mazzitelli li huwa Vici- Sindku tal- Kunsill Lokali ta' Pembroke, persuna inkarigata skond il- Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is- servizz, jew bil- hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l- Ligi fl- esekuzzjoni ta' dak is- servizz;

3) ikkommetta fertiti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Alfred Mazzitelli;

4) volontarjament kiser il- bon ordni jew il- kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u glied;

5) rema, tefa, jew xort' ohra iddepozita xi zibel cioe' gebel, f'xi post pubbliku, triq jew spazju fil- miftuh li ghalih il- pubbliku ghandu access.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni quddiem din il-Qorti fi stadju bikri tal-proceduri, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront tieghu. Di fatti l-imputat talab skuza lill-vittma tal-aggressjoni, u wera li kien iddispjacih ta' ghemilu. Fis-seduta deher ukoll l-Ufficjal Pubbliku li gie aggredit mill-imputat, u ddikjara fil-verbal li hu kien qieghed jaccetta l-iskuzi tal-imputat u b'hekk irrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Ghalhekk bhala piena dan kollu ghandu jigi rifless fis-sentenza, u l-Qorti tittama li l-imputat ha t-taghlima necessarja biex ma jergax iwettaq reat bhal dan.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 96, 95, 221, 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) fil-waqt li tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------